MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2006

Numru. 311/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**

**vs**

**Emanuel Grech bin Carmel u Josephine nee' Refalo imwieled fit-tnejn ta' Novembru, 1966 u residenti Flat 1, Valley Court, Triq il-Bahhara, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 38766G**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **EMANUEL GRECH** bin Carmel u Josephine nee' Refalo, mwieled fit-tnejn ta' Novembru, 1966 u joqghod Flat 1, Valley Court, Triq il-Bahhara,

Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita` numru 38766G gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar is-sitta ta' Mejju 2006 ghal habta tas-siegha w kwart ta' filghodu, waqt li kien fir-residenza tieghu fi Triq il-Bahhara, Ghajnsielem, Ghawdex, ingurja u hedded bil-kliem lil martu Doreen Grech.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9.
Semghet lil imputat jiskuza ruhu tal-akkadut fil-konfront ta' martu Doreen Grech u jobbliga ruhu li ma jimmolestahiex.
Semghet lil mart l-imputat Doreen Grech tiddikjara fis-seduta ta' llum li kienet qed tirrinunzja ghal azzjoni kriminali fil-konfront ta' zewgha l-imputat stante d-dikjarazzjoni tieghu.
Ghalhekk l-Qorti wara li rat l-artikolu 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront tal-akkuza kif migjuba mill-prosekuzzjoni kontra l-imputat Emanuel Grech stante rinunzja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------